# ĠESÙ

## FIL-KENN GĦALL-ATTAKKI MILL-AJRU *

Kull meta maż żerniq ta' filgħaxija
 Narak sejjer tistkenn fix xelter tiegħek
 Biex tgħaddi l-lejl imwarrab mill-ħruxija
 Ta' min kull jedd sabiħ fit-tajn imiegħek.

Qalbi tingħafas, u b'ruħi mbikkija
 Nixtieq, Ġesù, li ngħaddi lejli miegħek,
 U ngħidlek kliem ta' sabar u mogħdrija
 Lilek li s-sema u l-art ħedma ta' driegħek!

Għax jien nistħajlek f'dik il-ħarba twila
 Li kellek tieħu għall-Eġittu mbiegħed
 Meta f'Betlem għaddiet siegħa qalila.

U nistħajlek ġo Ruma, l-Belt għajjura,
 Taħt l-art, fuq l-oqbra tal-mejtin imqiegħed
 U ħbiebek kollha mixlijin, maħqura.

Dun Karm

27/2/'42

---

* Kull filgħaxija, wara l-barka, fil-Parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ, fejn bħalissa jien qiegħed rifuġjat, is-sagrament jiġi mneħħi mill-artal maġġur u mqiegħed f'daqsxejn ta' daħla ġo l-imramma tas-saħħa, bejn il-knisja u s-sagristija.

Bosta drabi: kont jiena xhud ta' din il-ġrajja, u dik id-dehra nisslet fija l-ħsieb u l-lehma ta' dan is-sunett.

D K.

# META MA ĠEWX L-ARJUPLANI

Ma' tul erba' xhur sħaħ l-arjuplani Ġermaniżi ma qatgħu, tista' tgħid, qatt iż-żjajjar tagħhom lil Malta. Lejl u nhar il-karba tas-sirena sejra dejjem tidwi fl-ajru tħabbar il-miġja tal-għadu. U wara l-karba, tvarvir ta' arjuplani, tisfir ta' balal nieżla, tifqigħ ta' bombi, tkarwit ta' kanuni, u qtajja' ta' arjuplani jogħdsu qishom isqra fuq tajra ċkejkna, u sħab ta' duħħan mifrux fuq l-art donnu biex jaħbi l-ħerba ta' taħtu, u, jekk ikun bil-lejl, swaba' twal mudwala jiġru mal-firxa kollha tas-sema biex ifittxu u jaqbdu l-għadu ħajjen. Għal erba' xhur sħaħ din kienet il-ħajja ta' Malta bi nhar u bil-lejl. Il-ħsara, il-qerda, il-mewt saru qishom il-ħajja ta' Malta, it-taqtiq ta' qalb sar in-nifs li nieħdu, l-għerien ġol-blat taħt l-art saru d-djar tagħna.

Fl-aħħar ġimgħa ta' Marzu u fl-ewwel waħda ta' April aktar ħraxet il-qilla tal-għadu. Ra li 'l Malta ma setax jirbaħha, għalhekk ħalef li jġarrafha, ifarrakha, jeqridha. U minn kollox għamel biex ma jiksirx ħalftu. L-arjuplani bdew ġejjin b'kotra bla għadd, fil-għodu, f'nofsinhar, fil-għaxija, f'kull ħin, bla serħ, bla nifs. Iġġarrfu knejjes u palazzi, mijiet ta' nies baqgħu bla dar, bliet saru ħerba. Imma Malta għadha mhix mejta; miġruħa imma mhix maqtula. Jiflaħ l-għadu joqtolha?

Sebaħ it-Tnejn, it-tlettax ta' April. Fit-tmienja s-sirena bdiet tnewwaħ. "Il-Bambin jibgħathielna tajba dal-għodu" qal xi ħadd. "Sa nibdew il-ġimgħa" tenna ieħor. "Ġejjin jitkixxfu biex jagħtuna xi waħda f'nofsinhar" żied igħid ieħor. Imma wara kwarta u nofs is-sirena għajtet għaita ferrieħa, u kullħadd ħa n-nifs. L-arjuplani ma kenux resqu lejn Malta.

F'xi l-għaxra u nofs is-sirena reġgħet bdiet tokrob. "Naraw xinhu ġej issa!" beda jgħid wieħed lill-ieħor. Imma f'ħajjet Alla ma ġie xejn, u wara nofs siegħa s-sirena qabdet tgħajjat u tidħak u tibgħatna lejn darna bis-sliem.

Ħajta tama nibtet f'qalb kull wieħed. L-arjuplani tal-għadu ma resqux lejn Malta. Għaliex? Beżgħu? Kienu mreġġgħin lura? Min igħaddi minn ġot-tifqigħ ta' mijiet ta' balal ma jerġax lura għax jibża'. Tgħid il-Ġermaniżi telqu